Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 21/2123 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 15 ta' Mejju 2123

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Pierre Dalli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Assenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

21. 1 Ittri ta' Apoloġija

21.1.1 Il-President semma li s-Sur Alfred Zammit, is-Sur Jorge Grech kif ukoll is-Sur Neil Attard talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati. Il-President semma li ~~s-Sur Boxall~~, is-Sur Pierre Dalli u s-Sur Joseph Abela Galea ma kienux informaw li ser ikun skużat, għaldaqstant tniżlu bhala assenti.

21.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.20

21.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 20 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

21.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 17

21.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clive Pulis u is-Sur Marco Aguis ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn s-26 t' April 2023 u l-15 ta' Mejju 2023 li kienet tammonta għal €141,120.24.

21.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

21.4.1 Ħaddiema RSSL	Il-President semma li wara li l-ħaddiema kellhom laqgħa ma' 360 people mill-OPM, il-Preisdent kellem lill-ħaddiema u qalulu li huma talbu li jkollhom van bl-għodda għax ġew mistoqsijja u ħasbu x' seta' kellhom bżonn. Is-Sindku ta' Raħal Ġdid semma li huwa jitlob li dawn il-ħaddiema sabiex jimxu ml-ħinijiet tax-xogħol stipulati.
21.4.2 CCTVS	Il-President semma li kien ser isir reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji. Dan minħabba li r-Reġjun ser ikun qed joħroġ fondi sabiex titwaqqaf il-Fondazzjoni relatata mal-Belt Kulturali Ewropea. Semma li ser inkunu qed jinġabru xi kwotazzjonijiet.
21.4.3 LESA	Il-President semma li r-Reġjun kien għadu qed jistenna r-rimborż mingħand il-LESA.
21.4.5 Skema għall-latrini awtomatiċi	Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li kienet ikjarifikat mad-Dipartiment fejn kien hemm konferma li peress li l-fondi ser jinqasmu ekwivalenti bejn il-Kunsilli kollha jista' kull Kunsill jieħu ħsieb il-procurment ta' dan il-proġett.
21.4.6 Social Impact Assessment	Il-President fakkar li nhar 18 ta' Mejju ser isir workshop ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li għalih huma mistiedna il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Semma li dan il-workshop ser ikun immexxi minn Profs. Andew Azzopardi.
21.4.7 AGM	Il-President fakkar lil dawk preżenti sabiex jattendu kif ukoll iħeġġu lill-Kunsilliera sabiex jattendu. Il-President semma li kien qed jitfassal il-programm.
21.4.8 Intervista għar-Reġistratur – Triunal Żejtun	Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għalissa t-Tribunal ser jibqa' jopera permezz ta' Deputat Reġistratur. Semmiet li l-proċess ser ikompli mal-Jobsplus.

21.4.9 Art b' devoluzzjoni lir-Reġjun	Il-President semma li din l-art ser tkun fid-diskussjoni sabiex jinbeda proġett tal-komunita'. Semma wkoll li r-Reġjun beda jaħdem mal-Perit sabiex jitfasslu l-ispecifications u joħorġu s-sejħa għall-kiri tal-binja amministrattiva tar-Reġjun.
21.4.10 Attivitajiet – Football għall-bniet	Il-President semma li qed jitlesta l-poster sabiex jintbgħat għall-istampar.
21.4.11 Kundizzjoni tal-Binja tal-Awla	Il-President semma li ladarba toħroġ is-sejħa għall-post sabiex minnu jopera r-Reġjun, l-awla kif ukoll l-uffiċju amministrattiv ta' Tribunal ser ikunu f' binja waħda. Li tinkludi wkoll sala tal-komunita'.
21.4.12 Tħawwil ta' siġar	Il-President semma li skond il-kalendarju maħruġ mis-Segretarjat, id-data ta' din l-inizjattiva tbiddletgħall-Ottubru.
21.4.13 Skema Clean Up	Il-President semma li jħeġġeġ lil dawk il-Kunsilli Loklai li jridu jkunu parteċipi sabiex jagħddu d-dettalji lir-Reġjun sabiex tkun sottomessa applikazzjoni waħda.
21.4.14 Fondi lill-Kunsill Lokali Kalkara	Il-President staqsa lis-Sur Aquilina sabiex jgħaddi l-figuri. Is-Sur Aquilina semma li kien għadu ma laqqax lill-Kunsill Lokali sabiex jiddiskuti l-proposta tal-President.
21.4.15 Kuntratt Reġjonali – Ġbir ta' Skart	Is-Sur Dominic Grima semma li għandhom jittranġaw l-affarjiet min-naħa tal-kuntrattur li jekk mhux ser ikun hemm titjieb fis-servizz huwa ser ikun qed jikkontesta l-ammont dovut lir-Reġjun u jnaqqas il-pagament skond in-nuqqasijiet li huwa jidhirlu li l-kuntrattur qed jagħmel. Is-Sur Grima semma li dejjem aktar qed joqorbu s-sitt xhur, iż-żmien li ngħata kull kuntrattur sabie xjirregola il-pożizzjoni tiegħu skond is-sejħa kif inħareġt u għaldaqstant huwa qed jinsisti li dawn it-tibdiliet isiru fil-ħin u mingħajr aktar dewmien. Is-Sur Dominic Grima semma li huwa għandu r-riżervi tiegħu sabiex il-pagament ta' xhar t' April jagħddi sħiħ mingħajr l-ebda tnaqqis. Is-Sur John Boxall semma li huwa jaqbel mas-Sur Grima u jżied li għar-resident il-ġbir ta' skart sar jiddettermina l-kreddibilita' tas-Sindku. Is-Sindku tal-Birgu żied li min-naħa tiegħu huwa jqabbad lill-kuntrattur tal-bulky sabiex jiġbor minn wara l-kuntrattur. Is-Sur Wayne Aquilina semma li l-kuntrattur qed jonqos mill-jipprovdi persuna li tieħu ħsieb il-customer care. Is-Sur Grima, is-Sur Boxall u anki s-Sur Aquilina qablu li hemm nuqqas ta': customer care min-naħa tal-kuntrattur, l-kuntratur għandu jipprovdi uniformi lill-ħaddiema kollha li jaħdmu

	miegħu inkluż l-użu ta' saftey shoes. Kif ukoll l-ilmenti għandhom jiġu rikonoxxuti u riżolti mill-aktar fiss possibbli. Tlabu wkoll li jekk hemm bżonn ir-Reġjun jitlob parir legali. Il-President semma li t-tnaqqis mill-pagamenti ma jistax issir f' dan l-istadju u talab ukoll lil dawk preżenti sabiex iresqu provi bil-miktub għand ir-Reġjun ta' ilmenti li ma ġewx riżolti. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur fil-preżenza tas-Sindki jew rappreżentant tal-Kunsill.
21.4.16 UEFA	Il-President semma li r-Reġjun irċieva korrispondenza mill-UEFA għal dawk is-Sindki u Kunsilliera li jixtiequ biljetti bi prezz ridott għal-logħba Malta – Italja.
21.4.17 Fondi LESA - Infurza	Il-President semma li ser ikun hemm fond ta' €600,000 fuq sentejn li ser jinqasam bejn is-sitt Reġjuni. Sema li dan huwa ffinanzjat mil-LESA u l-iskop huwa li jiġu assistiti Kunsilli u NGOs sabiex ikollhom għajnuna finanzjarja sabiex jipprovdu sigurta' u infurzar waqt attivitajiet kulturali.
21.4.18 Board Resolution – Ftuħ ta' kont bankarju	Il-President semma li b' referenza għall-fondi li r-Reġjun ser jirċievi għall-iskema imsemmija f' punt 21.4.17, ir-Reġjun ser ikun qed jiftaħ kont bankarju sepoarat.

21. 5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju l-Ewwel Kwart tas-Sena 2023

21.5.1 Il-President ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena Finanzjarja 2023.

21.5.2 Il-President spjega li ser issir reviżjoni tal-Estimi Finanzajarji għas-sena 2023 sabiex jiġu kkalkulati spejjeż relatati mat-twaqqif tal-Fondazzjoni kif ukoll minħabba li kien hemm xi aġġustamenti fuq l-allokazzjoni tar-Reġjun wara li kienu mnaqsa spejjeż relatatti mas-salarji tal-Uffiċjali Reġjonali.

21.5.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Dominic Grima, il-Kumitat approva r-rapport hekk kif preżentat.

21.6 Fondazzjoni – Belt Kulturali Ewropea 2031 – Approvazzjoni ta' Finanzjament

21.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hija kienet attendiet għal-laqgħa amministrattiva fl-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti u Uffiċjlai oħrajn mis-Segretarjat, mill-Ministeru u anki mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semmiet ukoll li kien hemm preżenti b' kollegament dirett is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

21.6.2 Wara diskussjonijiet interni li saru anki mis-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali tal-Birgu (minuti provduti mis-Sindku tal-Birgu jinstabu annessi u mmarkati bħala Dok A), kif ukoll mir-Reġjun, kien hemm qbil li ir-Reġjun jiffinanzja €100,000 filwaqt li l-Kunsill tal-Birgu jiffinanzja €50,000 filwaqt li €50,000 jingħataw mid-Diviżjoni.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

21.6.3 Il-President semma li din is-sena ser joħorġu mill-allokazzjoni u għaldaqstant ser isir aġġustament tal-Estimi Finanzjarji sabiex ir-Reġjun ma jispiċċax jopera b' deficit. Il-President semma li ser ikun qed jikteb formalement lid-Diviżjoni sabiex tittieħed konsiderazzjoni sabiex l-allokazzjoni tar-Reġjun tiżdied sabiex tirrifletti dan il-committment li meta r-Reġjun daħal għalih ma kienx konxju għax qatt ma kien ġie diskuss il-piż finanzjarju ta' dan il-proġett.

21.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienu qed jitolbu lil diversi nutara sabiex jassistu fil-proċess. Semmiet li jidher li s' issa ma kien hemm l-ebda nutar interessat li jieħu ħsieb jirreġistra l-Fondazzjoni minħabba n-numru ta' dokumenti li jridu jimtlew u r-responsabbilita' li ġib magħha.

21.5 Aġġornament

21.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-21:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 26 ta' Ġunju 2023 fil-18:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun ~~Xlokk~~ Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

IL-BIRGU

Città Vittoriosa

MINUTI

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa b'urġenza
tal-Kunsill Lokali Birgu
Numru 60

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fis-sebgħa ta' waranofsinhar (7:00pm) nhar **it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023**.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

60.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

60.1.1 Ebda ittri ta' apoloġija.

60.2 Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031

60.2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li sejjaħ b'urġenza din il-laqgħa peress li fil-laqgħa tar-Reġjun Port nhar it-Tnejn 15 ta' Mejju 2023, irrid jagħti risposta ta' kemm il-kunsill lokali ser jalloka fondi sabiex tiġi ffurmata l-Fondazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 li trid tipprepara l-*bid-book* għal din in-nominazzjoni.

60.2.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li jekk il-kunsill ma jivvutax fondi għal din il-fondazzjoni, ikun qed iwassal il-messaġġ li mhux interessat f'din l-applikazzjoni u għaldaqstant jaqbel li għandu jkun hemm *budget* ma' dak li diġà ġie deċiż fil-laqgħa tar-Reġjun Port, sabiex tkun tista' tiffunzjona l-Fondazzjoni.

60.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-accountants tal-kunsill diġà wissew li l-kunsill għandu jżomm lura minn spejjeż addizzjonali u anke spejjeż żejda għax l-estimi finanzjarji (Budget Plan 2023) diġà qed jindikaw li l-kunsill se jispiċċa b'defecit. Għaldaqstant il-kunsill lokali għandu jżomm u jikkontrolla l-ispiża tiegħu peress li l-allokazzjoni finanzjarja baqgħet li kienet minkejja li l-ispejjeż għolew.

60.2.4 Is-Sindku ippropona li l-kunsill lokali ma joħroġx aktar minn ħamsin elf Ewro (€50,000) għal din il-fondazzjoni li magħhom għandhom jiżdiedu fondi mir-Reġjun Port u mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-kunsilliera qablu ma din il-proposta u għaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Birgu se jkun qed jalloka ħamsin elf Ewro (€50,000) għall-Fondazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

60.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

60.2.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta` filgħaxija (8:00pm) u ma ġietx skedata data għal-laqgħa li jmiss.

Konfermati llum: **ta' Mejju 2023.**

IFFIRMATA

John Boxall
Sindku

IFFIRMATA

Christian Lawrence Raggio Vella
Segretarju Eżekuttiv